**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 46/14 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Richard Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Richard Farrugia, karta ta' l-identita` numru 210667(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Awwissu 2013 għall-ħabta ta' 23:30 ġewwa Triq San Bastjan, Valletta:

(1) ħebb kontra l-persuna ta' martu Gulia Anna Farrugia sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew sabiex jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor;

(2) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Gulia Anna Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(3) fl-istess jum fit-triq imsemmija kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni u cioe` kiser l-Ordni ta' Protezzjoni mposta fuqu b'ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta – Qorti tal-Familja) b'sentenza datata nhar-il 11 ta' Ġunju 2012 mill-Maġt Dr. A. J. Vella LL.D.;

(4) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta – Qorti tal-Familja) mill-Maġt. Dr. A. J. Vella LL.D. datata 11 ta' Ġunju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-ħarsien ta' Gulia Anna Farrugia;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-3 ta' Frar 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 251B(1), 412C(7), 49, 50, 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta, u sabet lill-istess Richard Farrugia ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Richard Farrugia ppreżentat fil-11 ta' Frar 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh kif ukoll minn kull ħtija u piena; alternattivament tirriforma s-sentenza appellata u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena nflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ħtija f'sitwazzjoni fejn l-uniċi provi kienu l-verżjonijiet djametrikament opposti ta' l-appellant u ta' martu. Jirreferi għall-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li **"bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti"**. Jilmenta illi l-prosekuzzjoni ma tellgħetx lil ulied il-partijiet, u jsostni:

> "Jekk fuq min il-liġi titfa' l-oneru tal-prova jiddeċiedi illi ma jtellax provi biżżejjed biex ineħħi d-dubju minn moħħ il-ġudikant, m'għandux jippretendi illi tinstab ħtija, u mill-banda l-oħra l-Onorabbli Qorti illi tieħu deċiżjoni kontra imputat meta hemm verżjonijiet kontradittorji preżentati lilha, liema verżjonijiet jistgħu jiġu vverifikati faċilment minn provi ċari, liema provi pero` deliberatament jitħallew barra, tkun qiegħda tieħu deċiżjoni kontra l-prinċipju *in*

*dubio pro reo* stante illi l-fatt illi l-imsemmija provi ma ttellgħux minna nnifisha għandha toħloq dubju dwar il-veraċita` tal-verżjoni ta' min qiegħed jakkuża."

**6.** Issa, meta l-appellant iċċita l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali, huwa kien qiegħed jiċċita l-ewwel subartikolu biss. It-tieni subartikolu, pero`, jipprovdi: **"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."** U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[1].

**7.** Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, kellha l-opportunita` tisma' u tara lill-partijiet u hi tal-fehma li l-verżjoni li tat mart l-appellant hi aktar verosimili. Fix-xiehda tiegħu l-appellant ma jispjegax kif waqqaf lil martu li kienet qed issuq il-karozza bit-tfal magħha. Tifhem illi l-appellant jista' jkun "imweġġa'" għax ma jarax lit-tfal, iżda dan kien biss għal raġunijiet imputabbli lilu. In kwantu tirrigwarda l-ħtija għalhekk din se tiġi kkonfermata.

**8.** Issa, l-appellant jammetti li kellu rakkomandazzjoni mill-Qorti tal-Familja biex jagħmel kors ta' *anger management* u, skond hu, m'għamlux minħabba l-ispejjeż involuti u għax jidhirlu li mhuwiex miġnun. Fix-xiehda tiegħu jammetti li hu "nervuż". Din il-Qorti effettivament ħasset il-ħtieġa illi tordna illi jsir *pre-sentencing investigation report* sabiex jiġi determinat b'mod partikolari jekk l-appellant huwiex kandidat idoneju biex jagħmel *anger management course* u sabiex isiru r-rakkomandazzjonijiet kollha meħtieġa.

**9.** L-uffiċjal tal-*probation* Svetlana Bezzina, li ġiet inkarigata sabiex thejji r-rapport, eventwalment ippreżentat *social inquiry report* peress illi ndikat illi ma kienx hemm ammissjoni da parti ta' l-appellant ta' l-imputazzjonijiet dedotti. Biex setgħet tirrediġi r-rapport, l-appellant ġie riferut lill-psikologa Dr. Chantal Avellino.

**10.** Jirriżulta illi l-appellant mhuwiex eliġibbli sabiex isegwi programm ta' *anger management* offrut mid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*. B'referenza għar-rapport psikoloġiku, Svetlana Bezzina tgħid:

---

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

> "L-istess rapport infatti jindika li l-appellant mhuwiex fi stadju li jaħdem favur bidla f'dan ir-rigward. Minkejja dan, Dr Avellino tikkonkludi li l-problema ta' rabja ta' Farrugia hija speċifika u mhix waħda li tissuġġerixxi problema ta' rabja ġenerali li tinterferixxi mar-rutina tiegħu ta' kuljum. Fid-dawl ta' dan, Dr Chantal Avellino tissuġġerixxi li l-appellant jattendi sessjonijiet individwali ma' psikologu bil-ħsieb illi huwa jaħdem biex jirrikonoxxi diffikultajiet ta' *anger management* illi għandu. Dan bil-possibilita` li terġa' tiġi evalwata l-eliġibilita` tiegħu għall-programm in kwistjoni fi stadju aktar avvanzat.
>
> "F'dan l-istadju għaldaqstant, sessjonijiet ma' psikologu jservu sabiex Farrugia jaħdem dwar diffikultajiet li qegħdin ixekkluh milli jindirizza l-problema ta' rabja u għaldaqstant sabiex eventwalment titnaqqas il-possibilita` li huwa jimmanifesta mġieba aggressiva.
>
> "Richard Farrugia dejjem attenda għall-appuntamenti mogħtija lilu ġewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* għall-fini tal-kumpilazzjoni tar-rapport u kkoopera ma' l-Uffiċjal tal-*Probation* f'dan ir-rigward."

**11.** Din il-Qorti eżaminat ir-rapport ta' l-uffiċjal tal-*probation* u r-rapport psikoloġiku, u ħadet nota tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija. Hi tal-fehma li l-aħjar mod ta' kif din il-Qorti tista' tittratta ma' l-appellant huwa billi żżommu taħt superviżjoni għal tul ta' żmien bil-kondizzjonijiet idoneji. Dan huwa fl-interess tiegħu u fl-interess tas-soċjeta` bl-iskop li jitgħallem ikollu aktar kontroll fuq l-aġir tiegħu ma' persuni oħra. Għalhekk hija se tqiegħed lill-appellant, konsenzjenti, taħt ordni ta' *probation* skond il-provvedimenti tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Richard Farrugia għal tliet xhur priġunerija, u minflok tqiegħdu taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perijodu ta' tmintax-il xahar millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat/tiġi nominata għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħati ddikjara li huwa jaċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Principali tal-*Probation*. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.